MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 8/2022 LM

**Elmo Insurance Ltd (C 3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Hector Camilleri, kif wkoll l-istess Hector Camilleri**
*('l-appellati')*

***vs***

**Godwin Pisani (K.I. nru. 729356(M))**
*('l-appellant')*

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Godwin Pisani (K.I. nru. 729356(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], minn lodo arbitrali mogħti fl-20 ta' Jannar, 2022, [minn issa 'l quddiem 'il-lodo arbitrali'], mill-Arbitru [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru"] fiċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ [minn issa 'l quddiem 'iċ-Ċentru'] fl-atti tal-Arbitraġġ numru M5799/2019, li permezz tiegħu ddeċieda

t-talba tas-soċjetà rikorrenti **Elmo Insurance Ltd (C 3500)** kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Hector Camilleri, u anki l-istess **Hector Camilleri** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata' u 'l-appellat' rispettivament, u flimkien 'l-appellati'] kif ġej:

> *"Illi in vista tal-premess l-esponenti huwa tal-fehma illi l-eċċezzjonijiet ippreżentati fir-Risposta tiegħu għandhom jiġu miċħuda u li għalhekk jirriżulta illi l-intimat, Godwin Pisani, huwa unikament responsabbli għall-inċident tat-traffiku li seħħ ġewwa B'Kara fit-3 ta' April 2018 waqt li huwa kien qed isuq il-vettura numru ta' reġistrazjoni DCR 123; għalhekk huwa qed jiġi kkundannat li jħallas l-ammont ta' €1,158.92 in linea ta' danni lir-rikorrenti flimkien mal-imgħaxijiet legali mid-data tal-Ittra Uffiċjali numru 1297/2019 sal-ġurnata effettiva tal-pagament u l-ispejjeż kollha marbuta mal-preżenti proċedura tal-arbitraġġ."*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw inċident awtomobilistiku [minn issa 'l quddiem 'l-inċident'] li seħħ fit-3 ta' April, 2018 f'Triq Brared ġewwa Birkirkara, bejn il-vettura tal-għamla Hyundai Tucson bin-numru ta' reġistrazzjoni DCR 123 misjuqa mill-appellant, u l-vettura tal-għamla Suzuki Swift bin-numru ta' reġistrazzjoni JBX 148 misjuqa minn Angele Pace, iżda proprjetà tal-appellat Camilleri.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellati istitwew proċeduri ta' arbitraġġ fiċ-Ċentru permezz ta' Avviż ta' Arbitraġġ u Talba ppreżentati fl-10 ta' Ottubru, 2019, fejn talbu sabiex l-appellant jiġi dikjarat unikament responsabbli għall-inċident in kwistjoni u

sabiex jiġu likwidati d-danni konsegwenzjali fl-ammont ta’ €1,158.92 li ġarrab l-appellat Camilleri, liema danni kellhom jitħallsu mill-appellant flimkien mal-imgħax u mal-ispejjeż legali kollha.

4. L-appellant wieġeb permezz ta’ Risposta ppreżentata fiċ-Ċentru fl-24 ta’ Ottubru, 2019, fejn issottometta li huwa ma kienx responsabbli għall-inċident in kwistjoni.

**<u>Il-lodo arbitrali</u>**

5. L-Arbitru għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet fil-lodo arbitrali li wassluh għad-deċiżjoni finali:

> ***“Konsiderazzjoni tal-Arbitru:***
>
> *Dan l-arbitraġġ jirrigwarda inċident tat-traffiku li ġara ġewwa Triq Brared, B’Kara fit-3 ta’ April 2018 bejn il-vettura tal-għamla Hyundai Tucson numru DCR 123 misjuqa mill-intimat, Godwin Pisani u l-vettura tal-għamla Suzuki Swift numru JBX 148 misjuqa minn Angele Pace, iżda proprjetà ta’ Hector Camilleri.*
>
> *Mix-xhieda mogħtija minn Angele Pace jirriżulta illi hija kienet qed isuq ġewwa Triq Brared li hija triq* “oneway” *fid-direzzjoni li hija kienet sejra.*
>
> *Minn aċċess li sar fuq il-post tal-inċident irriżulta illi Triq Brared hija triq dritta u għalhekk tofri visibiltà tajba fit-tul. Fuq in-naħa tal-lemin kien hemm vetturi pparkjati u kien hemm vettura dieħla ġewwa* parking space*. Meta sar ir-Rapport mal-Pulizija l-għada tal-inċident Angele Pace qalet hekk:*
>
> *“*kont għaddejja bil-vettura minn Triq Brared meta f’ħin minnhom irriversja vann u laqtni. Huwa kien ipparkjat ’l barra quddiem l-iskola ta’ Saint Francis”
>
> *Matul dawn il-proċeduri Angele Pace ikkonfermat dak li hija kienet qalet lill-Pulizija meta kienet marret l-għassa, imma spejgat wkoll illi:*

Jien komplejt insuq u kif għaddejt ma’ ġenbu huwa ħareġ ’il barra u reġa’ irriversja. Huwa laqatli l-bumper u ħadli wkoll il-ġenb kollu tan-naħa tal-lemin.

*Angele Pace fix-xhieda tagħha ikkonfermat illi l-intimat, Godwin Pisani beda l-manuvra tiegħu hija kienet* “dak il-ħin din il-vettura kienet xi żewġ karozzi quddiemi”.

*Minn naħa tiegħu l-intimat Godwin Pisani meta tkellem mal-pulizija ġewwa l-għassa qal hekk:*

Jiena kont qed nirriversja sabiex nidħol id-dar. X’ħin kont qed nirriversja hi ma kkalkulatx sewwa u għaddiet bi sbrixx miegħi...għedtilha li kont wieqaf u li ma tagħtnix ċans nipparkja. Hija stqarret li għandha għafsa żgħira u jiena għedtilha li nirranġa”.

*Meta l-intimat xehed f’dawn il-proċeduri huwa fost affarijiet oħra qal hekk:*

Waqt li kont wieqaf f’posizjoni angolata ġiet vettura kif jidher fir-ritratt Dok GP 4 minn warajja, qabżitni. Din il-vettura waqfet viċin l-għassa. Id-driver kienet mara u hija kienet mgħaġġla. Hija qaltli li jiena kont ilqatt l-vettura tagħha fuq il-bieba. Jiena ma rajt l-ebda ħsara fil-vettura tagħha, imma jiena xorta għedtilha li kont lest li nirranġa l-vettura tagħha.

*Sussegwentement Godwin Pisani qal u dana nonostante dak li l-istess Pisani qal fix-xhieda tiegħu, li huwa ma kien ra l-ebda ħsara fil-vettura ta’ Angele Pace, iżda fil-kontro-eżami tiegħu ikontradixxa dak li kien qal. Meta stqarr illi l-vettura ta’ Angele Pace kellha:*

“Ħsara fuq quddiem ma kelliex, kellha biss daqqa żgħira fuq il-bieba tal-lemin u jiena kont lest li nirranġa din il-ħsara”.

*Mix-xhieda ta’ Godwin Pisani jidher illi huwa qed jammetti li kien qed jagħmel manuvra ta’ rivers imma l-ispjegazzjoni tiegħu ta’ kif ġara l-inċident hija li huwa kien wieqaf, li kienet Angele Pace li għaddiet u laqtet b’sbrixx l-vettura tagħha.*

*Ta’ minn jinnota f’dan l-istadju illi Godwin Pisani kemm meta tkellem mal-Pulizija u lanqas f’dawn il-proċeduri qatt ma qal illi meta kien beda jew waqt li kien qed jagħmel il-manuvra tiegħu ma ħares lura biex jara jekk kienx ġej traffiku. Mix-xhieda tiegħu donnu jirriżulta illi huwa intebaħ bil-vettura ta’ Angele Pace fil-ħin ta’ meta seħħ l-inċident u mhux qabel.*

*Il-ħsara fil-vetturi involuti fl-inċident kienet fil-każ tal-vettura Nru. JBX 148 fuq* “il-bumper u ħadli wkoll il-ġenb kollu tan-naha tal-lemin”. *Fir-rigward tal-vettura misjuqa mill-intimat ma kienx hemm l-ebda ħsara.*

*Fir-rigward tal-vettura Nru. BX 148 il-ħsara kif deskritta minn Angele Pace hija konsistenti ma' dak li ġie rapportat fis-survey li sar minn Brady Micallef fit 12 ta' April 2018.*

*Għal finijiet ta' ċarezza l-vettura Nru. JBX 148 hija tal-għamla Suzuki Swift (ara kemm ir-Rapport tal-Pulizija Dok A u s-Survey Dok C); apparti illi n-numru ta' reġistrazzjoni huwa l-istess wieħed f'dawn iż-żewġ dokumenti anki ċ-*chassis number *huwa l-istess – għalhekk l-esponenti ma għandu l-ebda dubju illi l-vettura involuta fl-inċident hija dik indikata fit-Talba, u dana nonostante li l-intimat qed jissuġġerixxi l-kuntrarju: f'dan is-sens huwa esebixxa żewġ ritratti ta' vettura tal-għamla OPEL b'numru DAN 087, li huwa qed jgħid illi hija dik ta' Angele Pace u li dik kienet il-vettura involuta fl-inċident. Ta' min jinnota illi l-intimat f'ebda ħin ma ressaq prova illi din il-vettura kienet proprjetà ta' Angele Pace, u għalhekk kull referenza għal din il-vettura partikolari għandha tiġi skartata.*

*L-intimat Godwin Pisani, nonostante li sostna illi Angele Pace ma kientix id-driver tal-vettura lanqas ma ressaq xi prova f'dan ir-rigward.*

*L-esponenti huwa tal-fehma illi Godwin Pisani minħabba li kien sejjer bil-manuvra tiegħu ifixkel il-passaġġ liberu ta' traffiku li kien għaddej f'Triq Brared, kellu jaċċerta ruħhu li seta' jagħmel hekk b'mod li ma jostakolax dan it-traffiku. Kif intqal Godwin Pisani f'ebda ħin ma qal illi huwa ħares lura meta kien qed jimmanuvra l-vettura tiegħu biex jidħol fil-garage tiegħu. Godwin Pisani kien obligat li jagħmel dan:*

*Ara wkoll* ***George Scicluna et vs Victor Cini*** *(Dec. 5/10/2001 Qorti tal-Appell):*

**"bi vjolazzjoni ċara tar-Regola fondamentali li tiggverna s-sewqan, dik ċioe illi min isuq kellu jkun f'kull ħin konxju ta' dak li kien qed jiġri madwaru fit-triq, b'mod li jkun f'posizjoni li tempestivament jirreaġixxi għal kull eventwalità"**

*Skont l-awtur* ***Gibb*** **– It is the duty of every motorist to look where he is going and to keep a reasonably careful look-out for other road users so that a collision may be avoided. He must not look only straight ahead but also towards the side, especially at street junctions.**

*Fil-kawża* ***Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Co., Limited*** *il-Qrati Ingliżi kienu rritenew li*

**"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well.**

*Fil-kawża fl-ismijiet* ***John Soler et vs Claire Gove' et****, deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fl-14 ta' Ottubru 2003 qies illi:*

**"Prinċipju legali relatat, anzi inerenti għall-premess, hu dak li jimponi fuq kull sewwieq l-obbligu li fis-sewqan tiegħu jżomm a proper look out. Dan l-obbligu huwa korollari għall-prinċipju li sewwieq għandu l-oneru li fis-sewqan tiegħu juża dik id-diliġenza mistennija minn bonus paterfamilias u li hija raġonevoli tenut kont taċ-ċirkostanzi**

*Jidher illi Godwin Pisani ma għamel xejn minn dana kollu u li f'ebda ħin ma' ħares għal traffiku ieħor li seta' kien għaddej fit-triq waqt li kien qed isuq; inoltre u billi Godwin Pisani kien wkoll qed jagħmel manuvra ta' rivers l-esponenti qed jagħmel aċċenn għas-segwenti u dana fil-kuntest tal-fatt illi l-manuvra ta' Godwin Pisani xi ftit jew wisq kienet inkludi sewqan b'lura u sewqan b'quddiem:*

*Issa r-regolament 67 tal-Motor Vehicles Regulations jiddisponi li:-*

**'No person shall cause the motor vehicle to travel backwards for a greater distance or time than is absolutely necessary and shall take such precautions as are required to avoid collisions and accidents with persons or other vehicles on the road.'**

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Grima vs Castillo****, il-Qorti elenkat ukoll is-segwenti prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu minn min ikun sejjer isuq b'lura:-*

**"Always check for other traffic before you drive backwards. Make quite sure that there is nothing in your way... Check all around-forwards-behind, over both shoulders and in your mirror. If you are in any doubt, get out (or ask your passenger to do so) to make sure. Keep a good lookout all the time. You are moving backwards and always be ready to stop."**

*Manual tad-Department of the Environment: Driving (ed. 1972 p 113) taħt* **'What to look for' taħt 'reversing',**

*Għalhekk jidher mir-regolamenti, li s-sewqan b'lura, minħabba d-diffikultajiet partikolari li jirrappreżenta, għandu jkun ristrett kemm jista' jkun, u meta jsir, irid ikun akkompanjat mill-prekawzjonijiet kollha indikati.*

*Illi għar-rigward id-danni riklamati, l-esponenti wara li eżamina l-kontijiet tat-tiswija (inkluż il-kont tal-kiri ta' vettura oħra waqt iż-żmien tat-tiswija) (Dok GSN 4 & GSN 5) huwa soddisfatt illi din it-tiswija saret skont is-Survey redatt minn Brady Micallef.*

*Ta' minn jinnota illi l-intimat ma ressaq l-ebda prova illi is-sewwieq tal-vettura numru JBX 148 ma kienitx Angele Pace. Lanqas ma spejga kif Angele Pace ġabet in-numru tal-mobile tiegħu u li Hector Camilleri (sid il-vettura) kien ċempillu fil-ġurnata tal-*

*inċident. Lanqas ma ressaq prova illi l-vettura b'numru JBX 148 ma kienitx il-vettura f'dan l-inċident – inoltre l-fatt illi ġew eżebiti ritratti mill-intimat biex skont hu, jindikaw l-vettura li skont hu kienet dik li verament ħabtet miegħu, dawn ir-ritratti waħedhom ma jindikaw lill min tappartjeni din il-vettura u ferm inqas li kienet involuta fl-inċident miegħu.*

*Fl-opinjoni tal-esponenti, l-intimat naqas milli jżomm* proper lookout *waqt li kien qed jagħmel il-manuvra tiegħu biex jidħol fil-garage tiegħu ġewwa Triq Brared, bir-riżultat li ħabat mal-vettura numru JBX 148 u ikkaġuna ħsara f'din l-istess vettura"*

**<u>L-Appell</u>**

6. L-appellant ħass ruħhu aggravat bil-lodo arbitrali u ntavola appell quddiem din il-Qorti fl-4 ta' Frar, 2022, fejn qed jitlob għar-revoka tal-lodo arbitrali u minflok tiġi kkundannata s-soċjetà appellata kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Hector Camilleri, bħala unikament responsabbli għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri u anki għall-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali, u bl-imghax legali kontra tagħhom

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

7. L-appellati ppreżentaw ir-risposta tagħhom fit-8 ta' Marzu, 2022, fejn qabel xejn eċċepew in-nullità tal-proċeduri odjerni għaliex ir-rikors tal-appell ma ġiex notifikat lill-Arbitru fi żmien ħmistax-il jum wara l-preżentata tal-appell kif jirrikedi s-subartikolu 70A(2) tal-Kap. 387. Għal dak li jirrigwarda l-lodo arbitrali, jikkontendu li dan huwa wieħed ġust, u għaldaqstant għandu jiġi kkonfermat fl-intier tiegħu għal dawk ir-raġunijiet li huma jfissru fit-tweġiba tagħhom.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra jekk tassew huma nulli l-proċeduri odjerni, għaliex skont l-appellati r-rikors tal-appell ma ġiex notifikat lill-Arbitru fit-terminu ta' ħmistax-il jum preskritt mis-subartikolu 70A(2) tal-Kap. 387. Tibda billi tqis dak li jgħid l-artikolu 70Ċ fir-rigward ta' arbitraġġi mandatorji li permezz tas-subartikolu (2) tiegħu, jipprovdi sabiex id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 70A(2) għandhom ikunu wkoll applikabbli għalihom:

*"70Ċ. (1) Parti fil-proċedimenti tal-arbitraġġ mandatorju għandha d-dritt li tappella lill-Qorti tal-Appell kemm fuq fatti kif ukoll fuq punti ta' liġi li jitnisslu minn deċiżjoni finali magħmula fil-proċedimenti.*

*(2) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 70(3), (4), (5) u (6) tal-artikolu 70A(2), tal-artikolu 70B(2) u l-artikolu 71A għandhom jgħoddu għal appelli magħmulin taħt dan l-artikolu".*

9. Is-subartikolu 70A(2) tal-Kap. 387 jiddisponi kif ġej:

*"(2) Meta jiġi ppreżentat appell, ir-rikorrent għandu jinnotifka lill-arbitri u liċ-Ċentru kopja tar-rikors malajr kemm ikun prattikabbli iżda mhux iktar tard min ħmistax-il ġurnata wara l-preżentata tal-appell".*

10. Il-Qorti tosserva li mir-rikors tal-appell jirriżulta li fil-fatt intalbet in-notifika tal-Arbitru, iżda dan għal xi raġuni jew oħra ġie notifikat tardivament bl-imsemmi rikors fit-3 ta' Marzu, 2022, jiġifieri sebgħa u għoxrin jum wara l-preżentata tiegħu, u għalhekk wara l-ħmistax-il jum konċess mil-liġi. Il-Qorti tosserva li l-istess ma jistax jingħad fir-rigward tan-notifiki l-oħra mitluba, li kollha ġew eżegwiti bejn l-14 ta' Frar, 2022 u l-15 ta' Frar, 2022. Iżda peress li l-Arbitru ġie notifikat wara l-perijodu preskritt mil-liġi, ma jistax jingħad li l-

appellant ottempora ruħu mad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 70A(2) tal-Kap. 387, u għaldaqstant ir-rikors tal-appell għandu jiġi kkunsidrat null.

**<u>Deċide</u>**

**Għar-ragunijiet premessi l-Qorti tiddikjara li l-appell odjern huwa rritu u null, u għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri tal-arbitraġġ għandhom jitħallsu skont il-lodo arbitrali, u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu wkoll a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**